MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 379/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs.**

**CLIVE FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Clive Farrugia ta' 20 sena, iben Joseph u Rita nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar it-08.02.1990 u residenti no. 20, Sqaq il-Warda, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 86190 (M).

Billi huwa akkuzat talli gewwa San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn il-11:00 a.m. u it-3:00 p.m. ta' nhar is-26 ta' Marzu, 2010 ikkemmetta serq ta' flus kontanti, oggetti tad-deheb

u ogetti ohra minn fond ‘St. Philip Flats’, flat no. 2, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, liema serq sar ghad-detriment ta’ Paul Attard, Joseph Attard u Maria Dolores Falzon u/jew persuni ohra, liema seq hu kwalifikat bil-‘mezz’, bil-‘lok’ u bil-‘valur’ li jeccedi 2,329.37 euro.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irritorna parti mir-rifurtiva, liema rifurtiva ritornata giet mghoddija lis-sidien ta’ tali rifurtiva.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jobbliga ruhu li nkwantu ghall-flus li seraq rigward dan il-kaz u li ghadhom ma gewx ritornati lil sidhom huwa sejjer ihallas lis-sidien dawn il-flus dovuti lilhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 261(b),(c) u (e), 263, 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Clive Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irritorna parti mir-rifurtiva, liema rifurtiva ritornata giet mghoddija lis-sidien ta’ tali rifurtiva u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara

li qed jobbliga ruhu li nkwantu ghall-flus li seraq rigward dan il-kaz li ghadhom ma gewx ritornati lil sidhom huwa sejjer ihallas lis-sidien dan il-flus dovuti lilhom u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Clive Farrugia ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Clive Farrugia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Clive Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li kopja ta' din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta' dan il-Procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------